MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 512/2002/1

**Litterio Runza**

**vs**

**Vodafone Malta Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Marzu, 2002 fejn intalbet is-somma ta' elf u tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm1,350) skond ftehim li gie ffirmat fid-19 ta' Frar 2001 (Dok LR 1), u liema ftehim s-socjeta' konvenuta tterminat permezz ta' vais moghti f'Novembru, 2001, u liema ammont jinkludi s-sitt xhur pre-avviz li hija obbligata taghti skond klawsola numru tlieta (3) tal-ftehim.**
**Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra legati tad-9 ta' Novembru, 2001 (Dok LR 2) u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.**

**Ra r-risposta pprezentata tas-socjeta' konvenuta pprezentata fl-4 ta' April 2002 fejn intqal illi preliminarjament, l-ammont mitlub mill-attur mhuwiex dovut peress illi l-ftehim tad-dsatax (19) ta' Frar 2001 qatt ma gie mplimentat u dana ghar-ragunijiet ben noti lill-attur.**
**Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv ghaliex mhuwiex konformi mal-ftehim hawn fuq imsemmi.**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Sema' x-xhieda ta' Edmund Cilia, David Bugeja, Litterio Runza, Anthony Borg, Miriam Borg.**
**Ra l-affidavits ta' Litterio Runza, Anthony Borg, Miriam Borg, David Bugeja, Daniel Grech, Emdund Cilia.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed ifittex lis-socjeta' konvenuta ghal hlas skond kuntratt datat 19 ta' Frar, 2001 Dok LR 1. Is-socjeta' konvenuta qieghda tghid illi dak il-ftehim qatt ma gie mplimentat.**
**2. Jirrizulta illi l-attur ghandu l-post 19 Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar u kien gie avvicinat minn Edmond Cilia ghas-socjeta' konvenuta sabiex jaraw il-possibilita' illi tigi nstallata antenna fuq it-turretta tal-bejt ta' l-attur.**
**3. Jirrizulta illi Cilia kien mar spezzjona s-sit u ha xi ritratti u kien informa lill-attur illi l-ftehim sabiex tigi nstallata antenna jipprevedi illi l-attur jithallas disa' mitt lira (Lm900) fis-sena, mobile phone u starter pack.**
**4. Jirrizulta li l-attur kien accetta l-offerta u fid-19 ta' Frar, 2001 gie ffirmat il-ftehim fejn thalliet barra d-data fil-klawsola numru 2.**
**5. Jirrizulta illi fil-15 ta' Marzu, 2001 saret applikazzjoni lill-Awtorita' l-Ippjanar Dok LR 3, fit-30 ta' April, 2001 kien hemm l-approvazzjoni mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u fis-16 ta' Mejju, 2001 hareg il-**

**permess Dol LR 4 mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex tigi nstallata l-antenna fuq il-fond ta' l-attur.**

**6. Sussegwentement l-antenna ma gietx installata u l-attur kiteb lis-socjeta' konvenuta fl-1 ta' Ottubru, 2001 Dok LR 5, u kiteb bl-avukat fid-9 ta' Novembru, 2001. Is-socjeta' konvenuta wegbitu fl-14 ta' Novembru, 2001 Dok LR 7 u nfurmatu illi kien sar xi bini minn girien ta' l-attur, liema bini estenda bl-gholi ta' sular bir-rizultat li kien ser jibblokka t-trasmissjoni u jirriduci l-effett ta' l-istess apparat.**

**7. Dwar il-bini inkwistjoni r-ritratti jitkellmu bic-car. Id-Dok VML1 juri l-bini ritratt tal-bini ta' wara l-attur migbud mit-turretta. Id-Dok VML 3 huwa ritratt li juri s-sular li nbena u dana huwa ndikat ukoll bic-car fid-Dok LR 8. Id-Dok VML 4 huwa ritratt li juri bini iehor gholi li gia kien ezistenti meta saret is-sight inspection minn Edmond Cilia.**

**8. Skond ma xehed David Bugeja programme co-ordinator mal-Vodafone li x-xoghol tieghu huwa fuq *microwave and network transmission planning.* Meta mar fuq il-post hu vverifika dawn il-fatturi coie' l-posizzjoni geografika tal-post; il-posizzjoni fejn ser tigi l-antenna; l-gholi ta' l-antenna mill-art; l-line of site ma' siti ohra; ostakoli li jkun hemm; kif ukoll superfici li jistghu jirrifflettu. L-istess xhud spjega li ried ikun hemm clearance sabiex is-sinjal jasal in–naha l-ohra, u ostakolu jaffettwa s-sahha tas-sinjali. Hu nnota illi l-bini li jinsab fuq ix-xellug fuq in-naha ta' wara tal-proprjeta' ta' l-attur indikat fid-Dok VML 4 kien jinterferixxi mas-sinjal u li ghalhekk il-post ma kienx adekwat. Skond l-istess xhud hu flimkien ma' David Bugeja, Edmond Cilia, Daniel Grech, Ian Roch u Catherine Spiteri kienu marru ghand l-attur f'Mejju, 2001 biex jaraw jekk il-post kienx adekwat.**

**9. It-Tribunal innota ukoll dak li qal Edmond Cilia dwar il-procedura uzata biex jintghazel sit fejn titpogga antenna. Skond Cilia l-ewwel jara postijiet adattati u jsir kuntratt pero' tithalla barra d-data tal-klawsola numru 2 rigwardanti d-data ta' meta jkun effettiv il-kuntratt. Wara li jintghazlu diversi postijiet il-kumpanija tara li l-post jista' jkun tajjeb ghall-iskopijiet taghha, u s-sid jigi nfurmat li ser issir**

**applikazzjoni l-MEPA ghall-permess ghall-installazzjoni ta' antenna. Wara li jinhareg il-permess issir laqgha ohra fuq il-post biex jigi verifikat li l-post huwa tajjeb u f'tali kaz li jkun tajjeb timtela l-klawsola numru 2 tal-kuntratt u l-kuntratt ikun effettiv. Ix-xhud spjega illi diversi japplikaw ghal permessi pero' dawna wara jaqghu.**

**10. Fir-rigward it-Tribunal ma jistax ma jinnotax illi l-procedura segwita ma hijiex wisq felici specjalment minhabba illi ma jigix accertat mill-ewwel jekk il-post huwiex tajjeb teknikament ghas-sinjal.**

**11. Fil-kaz in ezami peress illi l-attur kien insista s-socjeta' konvenuta kienet taghtu l-*mobile phone* u l-*starter pack* qabel ma gie finalizzat il-kuntratt, coie' qabel ma ntliet il-klawsola numru 2.**

**12. It-Tribunal jirrileva illi skond l-artikolu 960 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:**

**«il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed, li bih tigi maghmula, regolata, jew mahlula obbligazzjoni. »**

**Skond l-artikolu 1052 ta' l-istess Kap 16:**

**« l-obbligazzjoni hija kondizzjonali meta tkun maghmula li tiddependi minn grajja mhux zgura u li ghad trid tigri, sew billi l-obbligazzjoni tinzamm sospiza sakemm il-grajja tigri, kemm billi tigi mahlula kemm-il darba l-grajja tigri jew ma tigrix. »**

**In oltre l-Artikolu 1057 jistipula illi kull kondizzjoni ghandha tigi esegwita kif il-partijiet aktarx riedu u fehmu illi ghandha tigi esegwita.**

**13. Jekk wiehed jara l-ftehim Dok LR 1 il-klawsola 2 ta' l-istess tghidlek « this agreement will be valid for ta' period of five (5) years with effett from the ……… » Kif gie spjegat din il-klawsola jirrizulta li ma ntlietx peress illi s-sit ta' l-attur ma rrizultax li kien tajjeb ghall-iskopijiet tas-socjeta' konvenuta. Li kieku kien tajjeb tali klawsola kienet tintela u l-kuntratt jigi fis-sehh.**

**14. In oltre t-Tribunal iqis illi fil-fatt l-antenna ma saritx fuq il-bejt ta' l-attur u konsegwentement l-attur ma jistax jippretendi hlas ta' haga li ma sehhitx.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad t-talba attrici. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------